**1 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Frendo

**Piena - Età - Artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali - Tnaqqis bi Grad jew Tnejn - Sospensjoni tal-Liċenzja - Konkors ta' Reati u Pieni**

*L-espressjoni "Kull min jikser . . . . " li tinsab f'diversi dispożizzjonijiet ta' liġi, qatt ma ġiet interpretata u anqas tista' tiġi interpretata bħala li neċessarjament teskludi l-applikabilità ta' l-artikolu 37. Anqas ma jista' wieħed jargumenta li għax dispożizzjoni tal-liġi tiffissa minimu u massimu ta' multa, allura l-minimu neċessarjament jeskludi dana l-artikolu.*

*Il-piena ta' sospensjoni tal-liċenzja mhix milquta bit-tnaqqis ta' grad jew tnejn ikkontemplat fl-Artikolu 37.*

*Meta l-massimu tal-piena applikabbli, u li l-Qorti jkollha l-ħsieb li tapplika, għal diversi reati hu ta' ħamsa u għoxrin lira ammenda għal kull reat, ebda wieħed mill-paragrafi (b), (d) u (f) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali ma japplika, u għalhekk il-piena ta' ħamsa u għoxrin lira għal kull wieħed mir-reati trid tiġi applikata.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva b'ċitazzjoni kontra Carmelo Frendo talli fl-1 ta' Jannar, 1993 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar, f'Rue d'Argens, Msida, (1) saq vettura numru B-6682 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Pulizija taħt Kategorija B, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurtà jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni; (2) saq l-istess vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalità (*no entry*); u (3) ta l-partikolaritajiet tiegħu foloz lill-pulizija meta talabhomlu; il-presekuzzjoni talbet li l-imsemmi Frendo jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal periodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' April, 1994 li biha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Frendo, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, ikkundannat

lill-istess Frendo għall-multa ta' mitt lira u ssospendietu mill-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Frendo, minnu ppreżentat fit-2 ta' Mejju, 1994, li bih talab ir-riforma tas-sentenza aktar 'l fuq imsemmija kwantu għall-piena;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-avukat Ġenerali minnu ppresentat fit-13 ta' Mejju, 1994 li bih ukoll talab ir-riforma ta' dik is-sentenza kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi f'dana l-każ hemm żewġ appelli. L-appellant Frendo qed jippretendi li l-piena, in vista ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali, kellha tkun anqas minn dik inflitta; l-Avukat Ġenerali, mill-banda l-oħra, jikkontendi li ma kienx applikabbli l-artikolu 37 imsemmi (għall-inqas għal dak li jirrigwarda l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104) u li għalhekk il-piena kellha tkun akbar. Evidentement l-ewwel li jrid jiġi deċiż hu jekk hux applikabbli dana l-artikolu 37;

2. L-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar it-Tifsir ta' pieni (Kap. 23, ġà l-Ordinanza XVII ta' l-1888) jgħid testwalment:

"Kull liġi li hawn issa jew li għad issir 'l quddiem, u illi tagħti l-piena tal-mewt, tal-priġunerija, tar-reklużjoni, tal-multa, ta' l-ammenda, tad-detenzjoni, jew taċ-ċanfira, titqies bħala li tagħti l-piena korrispondenti li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-

effetti u konsegwenzi kollha ta' din il-piena, bl-istess mod daqs li kieku d-dispożizzjoni ta' dik il-liġi kienu jagħmlu parti minn dak il-Kodiċi, iżda fil-limiti stabbiliti f'dik l-istess liġi.''

U l-artikolu 5 ta' l-istess Ordinanza jkompli jgħid:

"Kull dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali tgħodd fil-każ ta' reat ikkontemplat f'liġi speċjali, ħlief meta dik id-dispożizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi.''

Minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet hu evidenti li kemm- il darba f'xi waħda mil-liġijiet, li mhix il-Kodiċi Kriminali, li huma applikabbli għal dana il-każ ma hemmx xi ħaġa li espressament jew neċessarjament teskludi l-applikabilità ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, allura dak l-artikolu japplika fil-konfront tar-reati li joħorġu minn dawk il-liġijiet;

3. Fil-każ preżenti l-età ta' l-appellant u appellant Frendo, għall-inqas fiż-żmien li ħarġet iċ-ċitazzjoni, tirriżulta mill-istess ċitazzjoni, u ċjoè sittax-il sena. Dana Frendo nstab ħati, fuq ammissjoni tiegħu, ta' erba' reati, tnejn minnhom delitti (art. 15(1) (a) (3) tal-Kap. 65 u art. 3(1)(2) tal-Kap. 104) u tnejn minnhom kontravvenzjonijiet. La fil-Kap.65 u anqas fil-Kap.104 ma hemm xejn li espressament jew neċessarjament jeskludi l-applikabilità ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9. L-Avukat Ġenerali, fir-rikors ta' appell tiegħu kif ukoll fin-nota tas-27 ta' Ġunju, 1994, isostni li peress li l-artikolu 3(2) tal-Kap. 104 jibda bil-kliem ''Kull min jikser .....'' dan ifisser li l-pieni stabbiliti f'dana l-artikolu huma "tassattivi'', u għalhekk mhux applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9. Din il-Qorti issibha diffiċli tifhem dana l-argument ta' l-Avukat Ġenerali li, bħall-appellant u appellant

Frendo, qiegħed jinsa u jinjora kompletament id-dispożizzjoni tal-Kap. 23 aktar 'l fuq riportati. L-espressjoni "Kull min jikser ....." tinsab f'diversi dispożizzjonijiet ta' liġi, u qatt ma ġiet interpretata u anqas tista' tiġi interpretata bħala li neċessarjament teskludi l-applikabilità ta' l-artikolu 37 imsemmi. Anqas ma jista' wieħed jargumenta li għax hemm minimu u massimu ta' multa (LM250 u LM500) allura l-minimu neċessarjament jeskludi dana l-artikolu 37;

4. Jibqa' għalhekk x'jiġi kkunsidrat jekk, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9, il-piena ma setgħetx kienet dik effettivament inflitta mill-ewwel Qorti u ċjoè ta' multa ta' mitt lira u sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena. Il-piena ta' sospensjoni tal-liċenzja mhix milquta bit-tnaqqis bi grad jew tnejn. Dana t-tnaqqis anqas ma jolqot il-kontravvenzjonijiet (jew delitti li jaqgħu taħt il-pieni tal- kontravvenzjoni) u dana *in vista* ta' l-artikolu 31 (2) tal-Kap. 9;

5. Skond l-artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 l-inżul mill-piena tal-multa ssir għall-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, ċjoè il-piena ta' detenzjoni, ammenda u ċanfira jew twiddiba. Skond l-artikolu 341, meta l-każ jaqa' taħt il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, il-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tagħti dawn il-pieni sew separatament kemm imgħaqqdin flimkien;

6. Però l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 jikkontempla piena mhux biss ta' multa, iżda wkoll dik ta' priġunerija u preċisament ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Bl-istess mod l-artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104 (jiġifieri meta *si tratta* ta' l-ewwel reat) jikkontempla wkoll priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur;

7. Mill-piena ta' priġunerija ta' tliet xhur il-piena tinżel,

skond l-artikolu 31 (1) (b) (xiii) (c), għall-priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn għoxrin ġurnata, jew għad-detenzjoni jew għall-ammenda;

8. F'dana l-każ din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet qed tikkontempla, kemm għal dak li hu r-reat taħt il-Kap. 65 kif ukoll għal dak li jirrigwarda r-reat taħt l-Kap. 104, il-piena pekunjarja tal-multa u mhux dik tal-priġunerija. Għalhekk jidher li hu applikabbli f'dan il-każ dak li ntqal fil-paragrafu 5 ta' din is-sentenza, u ċjoè li għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ delitti l-piena tinżel, b'applikazzjoni ta' l-art. 37 tal-Kap. 9, għall-piena ta' detenzjoni, ammenda u ċanfira jew twiddiba, applikabbli separatament jew flimkien. Id-detenzjoni ma tistax tkun ta' aktar minn xahar (artikolu 12 (3), Kap. 9) filwaqt li l-ammenda ma tistax tkun ta' aktar minn ħamsa u għoxrin lira (art. 13(1) ), dejjem għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ delitti;

9. F'dana l-każ għandna wkoll konkors ta' reati u pieni. Però ġaladarba l-massimu tal-piena applikabbli (u li din il-Qorti bi ħsiebha tapplika) għal kull wieħed mill-erba' reati (żewġ delitti u żewġ kontravvenzjonijiet) in kwistjoni hi ta' ħamsa w għoxrin lira (LM25) ammenda, ebda wieħed mill-paragrafi (b), (d) u (f) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 strettament ma japplika, u għalhekk il-piena ta' ħamsa u għoxrin lira ammenda għal kull wieħed mill-erba' reati (total ta' mitt lira (LM100) ammenda) trid tiġi applikata;

10. Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) kwantu għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tiċħad dana l-appell;

(b) kwantu għall-appell ta' Carmelo Frendo, tiddisponi

minn dan l-appell kif ġej u ċjoè billi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu għall-ħtija ta' l-imsemmi appellant Carmelo Frendo, kif ukoll kwantu għall-piena ta' sospensjoni tal- liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' sena, però tħassarha kwantu għall-multa ta' mitt lira u minflok din il-multa ta' mitt lira tikkundanna lil Carmelo Frendo għal ammenda ta' mitt lira.